# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Frar, 2002

## Avviz numru : 4/2002GT(GM)

**Virgilio Vella sive Gino Vella**

**vs**

**Philip Camilleri**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**Il-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' mitejn u erba' Liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm204.24), liema somma tirrapprezenta ammont dovut lill-attur ghall-konsenja ta' merkanzija konsistenti fi prodotti minerali, liema konsenja saret lill-konvenut personalment. Bl-interessi skond il-ligi u bl-ispejjez tal-prezenti procedura u tal-ittra bonarja tas-7 ta' Settembru 2001.**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fil-15 ta' Frar, 2002 u dik tallum ;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esebiti;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghal hlas ta' mitejn u erba' liri maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm204.24c), bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, u tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Settembru, 2001 a kariku tal-konvenuti.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**